## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)Ph.D

**Appell Nru: 69/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmen Grixti**

**<u>Illum, 24 ta' Gunju, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Carmen Grixti** detentrici tal-karta tal-identita Maltija **314767M**, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta b'kunratt biex taghti access lil Ivan Grixti ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Frar 2024, fejn sabet lil imputata Carmen Grixti ħatja tal-unika mputazzjoni kif migjuba kontra taghha u konsegwentement wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberat lill-imputata bil-kundizzjoni li ma

tikkommettix reat iehor fi zmien tlett xhur minn dak in-nhar tas-sentenza. Il-Qorti spjegat il-protata ta′ din is-sentenza lill-hatja li kkonfermat illi fehmet l-istess.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Carmen Grixti, preżentat fir-reġistru ta′ din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta′ Frar 2024, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Thassar u Tirrevoka s-sentenza appellata billi ssibha mhux hatja u tehlisha minn kull imputazzjoni.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

1. L-Ewwel Qorti bir-rispett ghamlet enunċazzjoni skoretta tal-liġi kif ukoll interpretazzjoni zbaljata tal-fatti.
2. L-Ewwel Qorti stqarret illi l-fatt li l-appellanti kienet qiegħda thalli f'idejn it-tifla biex tagħmel l-arrangamenti ma' missierha kienet nuqqas tal-*positive obligation* tagħha li tagħti aċċess skond kif provdut fl- artikolu 338(11) tal-Kodiči Kriminali
3. Issa, apparti l-fatt illi l-appellanti ma hallietx f'idejn it-tifla b'mod esklussiv kif qiegħed jing]ad, jeħtieġ li jiġi senjalat li l-kontravenzjoni in kwistjoni tirrikjedi wkoll li jkun hemm rifjut minn min ikun obligat li jaghti aċċess li tali aċċess effitivament jingħata. Dan it-tieni aspett tal- kontravenzjoni 1-Ewwel Qorti injoratu kompletament u mir-riżultati proċesswali ma jirriżultax. Anzi jirriżulta bil-maqlub. Ix-xhieda ta' Esther stess hija cara: "Ommi dejjem baghtitni".

4. Mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad hawn fuq, Ivan Grixti ghamel dan ir-rapport li martu l-appellanti irrifjutatlu l-access ghat-tifla mhux ghax l-appellanti tassew "*irrifjutat*" iżda għax hu ma riedx li waqt l- aċċess Esther tkun akkompanjata minn ohtha Mireille, kif xtaqet Esther ghal raġunijiet li jigu mfissra hawn taht. L-iskuża kienet illi ma riedx li Mirielle tmur raghhom "*minħabba restrizzjonijiet li kien hemm fiż- żmien in meritu minhabba l-pandemija tal-COVID 19 u minħabba li huma, allavolja tal-istess familja, kienu jappartjenu ghal households differenti*".

5. L-ewwel nett, l-iskuża tal-COVID hija biss skuża. Esther u ohtha Mireille joqogħdu flimkien ma' ommhom l-appellanti u għalhekk huma minn *household* wahda. Mirielle ma hijiex xi barranija jew xi intruża; Esther u Mirielle it-tnejn fl-istess *bubble* u ma kien hemm ebda restrizzjoni li jkunu flimkien. Barra minn hekk, ir-restrizzjoni hija li ma jkunx hernm aktar minn erba' persuni, u mhux mhux aktar minn tnejn[1]. Ghandu jinghad ukoll illi Mireille kienet tistudja l-mediċina u llum tabiba. Taf x'inhuma r-restazzjonijiet tal-COVID u ma kinitx sejra tipperikola lil ohtha u lilha nfisha billi tmur kontra r-restrizzjonijiet. L-iskuża tal- COVID hija biss skuża ta' Ivan biex ighid illi ma thalliex ikollu aċċess halli jaqla inkwiet ghal martu l-appellanti.

6. Barra minn hekk, jekk tassew Ivan Grixti kellu biża' ġenwin li żgur mhux il-każ minhabba I-COVID, Esther ghamlitlu suggeriment li Mireille takkumpanjahom iżda żżomn distanza (ghalkemm dan ma kienx mehtieg) biex ma jkunux flimkien iżda fl-istess waqt ikollha 1- wens ta' ohtha u thossha sikura.

7. Is-sentenza appellata tghid testwalment illı:

*"jirriżulta wkoll illi qabel id-data tal-aččess in meritu Esther kienet baghtet emajl lil missierha qua l-parte civile fejn kienet ipproponiet alternattivi ta' kif jistghu iqattghu l-aċċess u dan biex ohtha Mireille tkun xorta wahda tista' tkun maghha kif xtaqet hi."*

8. Iżda Ivan ma aċċettax ghax id-deċiżjoni tieghu ma kellha x'taqsam xejn mal-COVID iżda biss ix-xewqa malizjuża tieghu li johloq inkwiet ghal martu biex mingħalih ipattihielha talli rrapportatu b'akkuża li nqeda b'firem foloz fuq ċekkijiet biex jiġbed u jahbi flus tal-komunjoni: akkuża li tagħha gà nstab hati ghalkemm appella u l-appell ghadu pendenti.

9. Ghalhekk Ivan Grixti ma kellu ebda raġuni valida biex jirrifjuta din il- proposta li t-tifla tkun akkumpanjata minn ohtha. Il-proposta irrifjutaha ghax ried isib okkażjoni biex jivvessa lil martu l-appellanti b'akkuzi foloz, deherlu li sab ix-xoqqa f'moxtha, u ha l-okkażjoni.

10. Il-verità għalhekk hi li kien Ivan Grixti li irrifjuta l-aččess, u mhux l-appellanti li irrifjitathulu.

11. Ir-raġuni ghala Esther riedet lil ohtha maghha ma kinitx ghax webblitha ommha l-appellanti; ir-raġuni kienet illi Esther kienet thossha skomda tmur wehedha ghall-aċċess ma missierha. It-Tabib Johan Vella ikkonferma illi l-istennija li tkun wahedha waqt l-aċċess kienet toholqilha ansjeta lil Esther li timmanifesta ruhha f'sintomi fiżiċi li ma torqodx bil-lejl, ikollha uġigh ta' żaqq u dardir. Qal li dawn is-sintomi kienu jimmanife staw ruhhom meta jasal il-hin tal-aċċess. It-tabib ukoll ikkonferma, ukoll meta ippressat in kontro-eżami, illi

ċ-ċertifikat harġu ghax deherlu li kien mehtieg "ghamiltha minn jeddi" u mhux ghax riditu l-appellanti.

12. Fid-dawl ta' din ix-xhieda medika cara u inekwivoka, diffiċli tifhem kif is-sentenza appellata setghet raġonevolment tasal ghall-konklużjoni illi "l-ansjetà li kienet qed thoss Esther meta kienet tiltaqa' ma' missierha ma kinitx qed tiġi kawżata minn cirkostanza illi huma allarmanti", u dan meta t-tabil xehed u fisser is-sintomi msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan.

13. Bir-rispett kollu, li tasal biex tgħid li dawn is-sintomi ta' ħsara fis-sahha ma humiex allarmanti hu sintimatiku ta' kif il-Qorti fehmet ghalkollox hażin il-fatti ta' dan il-każ.

14. Ivan Grixti iżda ma impurtah xejn mill-benesseri ta' bintu; ried li tiġi mieghu wehedha meta kien jaf li dan ghat-tifla kien ta' sofferenza fizika kif xehed it-tabib biex b'hekk ikollu skuża jagħmel rapport kontra martu.

15. Mela jekk ma sehhx l-access fl-10 ta' April 2021 dan ma kienx ghax irrifjutat l-appellanti. Ma sehhx ghax Ivan Grixti ma riedx jaqta' x- xewqa ragonevoli u medikament nečessarja ta' bintu li ohtha tkun maghha jew ghall-inqas fil-qrib. Din kienet xewqa tat-tifla, mhux tal- appellanti, u kienet xewqa avallata minn parir mediku. Min-naħa tal- appellanti ma sar assolutament xejn biex tostakola l-access: ma żammitx lit-tifla maqfula d-dar biex ma tmurx ma' missierha, ma webblitx lit-tifla kontra missierha. Is-sentenza appellata tosserva illi t-tifla "insistiet li ommha qatt ma waqqfitha jew qaltilha sabiex ma tmurx ghall-aċċess ma' missierha".

16. Li ma kinitx l-appellanti li ostakolat l-aċċess jirriżulta testwalment mis-sentenza appellata:

"il-minuri, allavolja mar ghaliha mir-residenza matrimonjali fejn tghix l-imputata flimkien ma' uliedha, ma riditx tmur ma' missierha u rrifjutat li titlaq mid-dar miegħu peress li riedet illi tkun akkumpanjata minn ohtha Mireille li kienet maggorenni diġà, cirkostanza li kienet issehh regolarment u li l-*parte civile* ma kienx jirrifjuta. Jirriżulta madankollu illi l-kwerelant kien insista li dakinhar Esther u cioè bintu minuri takkumpanjah għall-aċċess wehedha..."

17. Imkien ma tissemma l-appellanti; dak li ġara sehh bejn Ivan Grixti u Esther (tfajla ta' erbatax-il sena) Esther insistiet li jkollha lil ohtha maghha jew ghallinqas fil-qrib u Ivan Grixti irrifjuta li tiġi ohtha u insista li tmur mieghu wehedha, għalkemm l-oġġezzjoni tat-tifla kienet wahda ragonevoli u medikament necessareja u ġustifikata. L-appellanti f' dan kollu ma kienet involuta xejn.

18. Minkejja dan kollu, u minkejja li s-sentenza appellata tagħraf illi

*"f' dan il-każ l-imputata filfatt tat l-access u f' ebda mod ma ċahditu jew almenu, apparti ghal dak li qed jassumi l-parte civile, ma tressqitx prova konkreta li l-intimata omm kienet qiegħda metodikament taċċerta illi uliedha jirritornaw lura d-dar minhabba n-nuqqas ta' qbil ma' missierhom fuq l-arrangament til-jum in mertu, kif donnu sehh fil-ġurnata in mertu."*

19. Is-sentenza appellata xorta sabet li l-appellanti naqset mill-obbligu tagħha li taghti aċċess ghax "*min ikollu l-kura u l-kustodja għandu fizikament jikkonsenja l-wild lill-parti l-ohra*", u biex tiġġustifika din il- konklużjoni tiċċita każ fejn aċċess ma kellux "*jiġi evitat biss bl-agir testard ta' tifel ta' ghaxar snin li żgur ma jippreżenta ebda diffikoltá biex jiġi konsenjat fizikament, anke okkorrendo kontra r-rieda tiegħu, mill-omm lill-missier", u każ iehor fejn omm uriet "nuqqas tagħha li theġġeġ lil bintha (li. jigi ribadit, kellha biss erba' snin) tmur ma' nannuha*".

20. Mela l-appellanti hija mistennija torbot lit-tifla, tippakkettaha, u "*tikkonsenjaha*" lill-kwerelant, meta fil-każ tallum Esther kellha gà erbatax-il sena u mhux tifla ta' ghaxar snin jew ta' erba' snin. X'kellha taghmel ommha? Tikkombatti maghha biex "*fizikament tikkonsenjaha*"? Tkompli tittrawmatizzaha bi vjolenza fizika meta kif konfermat medikament u b'sintomi fiżiċi gà trawmatizzata biżżejjed bil-hsieb li tmur wehedha ma' missierha li taf li abbandunaha u ftit li xejn jimpurtah minnha? Esther gå kienet tifla matura kif irriżulta ampjament meta xehdet quddiem il-Qorti, u hija assurda l-pretensjoni li ommha kellha jew anke setghet "fizikament tikkonsenjaha" bhallikieku kienet xi pakkett postali - lil missierha Konsiderazzjonijiet li jghoddu ghal tfal ta' ghaxar snın jew ta' erba' snin ma jghoddux ghal tifla matura ta' erbatax-il sena.

21. Is-sentenza appellata tiċċita wkoll sentenza ohra fejn rifjut ta' access kien riżultat ta "*pika*" meta fil-każ tallum ma hemm ebda prova illi 1- appellanti hija

pikuża; anzı, ix-xhieda turi l-kontra. Is-sentenza stess taghraf illi, hlief ghal din l-okkażjoni tal-10 ta' April 2021 u ohra ġimgħa qabel, l-aććess kien ísir regolarment, u anke l-fatt li Mireille kienet takkompanja lil ohtha "*kienet issehh regolarment*", sakemm il- kwerelant hareġ bil-pretest tal-COVID. Li kieku l-appellanti kienet pikuża, il-problemi kienu jinqalgħu regolarment u mhux biss f'dawn iż- żewġ okkażjonijiet precipitati, jerġa' jingħad, mir-rifjut tal-kwerelant bl-iskuża tal-COVID. Is-sentenza stess tgħid illi "din id-diffikoltà kienet irrikorriet fuq perijodu qasir hafna". Kemm l-iskuża ta' Ivan Grixti hija fazulla jirriżulta minn dak li jingħad aktar 'il quddiem fil-paragrafi 31 sa 34 ta' dan ir-rikors.

22. Il-verità hi illi mhux biss l-appellanti qatt ma żammet lil Esther milli tmur għall-aččess iżda anzi kienet tinsisti maghha li ma tkunx tard. Dak kollu li setghet tagħmel ghamlitu u qatt ma fittxet li tostakola. Ukoll meta t-tabib qalilha "*Din [lil Esther) qed issirilha hsara kbira*" Carmen wiegbet "*Imma dan hemm digriet tal-Qorti u rridu nsegwuh*". Kien biex tobdi d-digriet al-aččess u fl-istess hin tevita hsara lil bintha illi l-appellanti ma opponietx għax-xewqa ta' Esther li tkun akkumpanjata minn Mireille.

23. Id-deċiżjoni li jithassar l-aċċess kienet ta' Ivan Grixti, li ghal raġuni fażulla ma riedx joqghod ghax-xewqa ta' bintu - jerġa' jinghad, xewqa ragonevoli u

medikament necessarja li jkollha lil ohtha maghha, imqar issegwihom minn distanza biżżejjed (ghalkemm mhux meħtieġa) fiċ-ċirkostanzi tal-COVID.

24. Il-Qorti waslet ukoll għall-konklużjoni żbaljata illi l-insistenza ta' Ivan Grixti illi Mireille ma tkunx ma' ohtha waqt l-aċċess lanqas jekk iżżomm distanza taż żewġ metri kienet ġustifikata ghax altrimenti jkunu "bi ksur tar-restrizzjonijiet li kien hemm fiż-żmien in mertu minhabba l-pandemija tal-COVID" Ir-restrizzjonijiet relativi huma dawk imposti bl-Ordni tal-2020 dwar in-Numru ta' Persuni ti Spazji Pubblici (A.L. 112 tal-2020) li kien jghid hekk:

25. *"3. Is-Suprintendent tas-Sahha Pubblika b'dan tordna li, fi spazji pubbliči, gruppi ta' aktar minn tliet (3) persuni huma projbiti..*

26. *"Iżda din il-projbizzjoni ma tapplikax ghall-gruppi ta' persuni fi spazji pubbliċi jekk il-persuni jkunu jgħixu fl- istess residenza.*

27. *"Iżda wkoll is-Suprintendent tas-Sahha Pubblika tista', fid- diskrezzjoni tagħha, iżżid dan in-numru permezz ta' avviż fil-Gazzetta."*

28. *Dan I-Avviz Legali ġie emendat bl-Ordni tal-2020 dwar iz-Zieda fin- Numru ta' Persuni fi Spazji Pubblici (A.L.. 173 tal-2020) li jghid hekk:*

29. *"2. B'konformità mat-tielet proviso tal-artikolu numru 3 tal- Ordni divar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi, is- Suprintendent tas-Saħħa Pubblika qieghda permezz ta' dan 1- ordni żżid in-numru ta' persuni fi spazji pubbliċi ghal erba' (4) persuni."*

*30.* L-A.L. 173 tal-2020 dahal fis-sehh fl-4 ta' Mejju 2020 u ghalhekk kien vigenti meta seħħ il-każ fApril tas-sena ta' wara. Mela 1-Qorti kienet legalment żbaljata meta qalet illi jekk Mireille tkun preżenti dan ikun *"bi ksur tar-restrizzjonijiet li kien hemm fiż-żmien in mertu minhabba l-pandemija tal-COVID".*

31. Dan ikompli jikkonferma kemm il-pretest ta' Ivan Grixti li ma riedx li Mireille tkun miegħu u ma' ohtha kienet biss skuża fażulla, biex johloq u jivvinta okkażjoni biex jivvessa lil martu u jpattihielha - biex jiġu draw talli hi ghamlet kwerela kontrich talli nqeda b'firma falza taghha fuq 69 cheques, akkuża li sussegwentement tagħha nstab hati b'sentenza tat-3 ta' Ottubru 2023 (Każ Numru 249/2021), għalkemm hemm appell pendenti. Sfortunatament il-Qorti żbaljat u waslet ghall- konklużjoni erronja illi l-preżenza ta' Mireille tassew tkun bi ksur tar- restrizzjonijiet, biex kompliet waslet ghall-konklużjoni wkoll żbaljata li Ivan Grixti kien gustifikat jirrifjuta l-preżenza ta' Mireille u ghall-konklużjoni wkoll żbaljata illi ma kienx hemm raġunijiet validament mediċi għala Esther ma tkunx wehedha ma' missierha.

32. Zbaljat ukoll il-Qorti meta qalet illi "*xorta wahda l-imputata baghtet lil entrambe uliedha skond dak li xtaqu huma mingħajr ma ghamlet l-ebda tentativ sabiex tikkonvinči lil bintha Esther sabiex tmur wehedha ma' missierha*". L-ewwelnett Mireille kienet maġorrenni u ma marritx ghax "*baghtitha*" ommha. Barra minn hekk, kienet tkun deċiżjoni għaqlija tal-omm li, kontra l-parir mediku, tinsısti illi Esther tmur wehedha ma' missierha? Dan mhux b'kapric; biżżejjed tara x-xhieda tat-Tabib Johan Vella biex tapprezza s-serjetà tal-istat mediku li fih Ivan Grixti ried iqiegħed lil bintu.

33. Dan kollu wassal lill-Qorti għall-konklużjoni żbaljata u wkoll ingusta illi l-appellanti hija hatja.

Rat l-atti tal-kawza kif kompilati.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2024.

**Ikkunsidrat**,

Illi fl-ewwel aggravju taghha l-appellant tistqar li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u enuncjazzjoni hazina tal-ligi. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul millewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal*

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994)

*ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

[2] dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman
Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-**artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> *id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan

il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat[4]. Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne,**[5]

> *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tannies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkellmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar

dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

---

[6] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule,* ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-*

*rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha*[7].

In oltre u aktar reċentement fis-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi: Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[8]

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax,

[7] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[8] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia

normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino</u>** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti: -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an*

*opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Illi l-appellanti tisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħatx leġittimament u raġonevolment issib ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra taghha peress illi l-verżjoni taghha tal-fatti li seħħew kienu ferm aktar kredibbli minn dawk tal-parte ċivile. B'hekk tgħid li kellha tiġi liberata. Din il-Qorti ghalhekk kellha tifli l-atti kollha qabel ma setghet titratta mal-aggravji tal-appellanti.

Il kwerelant **Ivan Grixti** xehed nhar l-4 ta' Novembru 2021 u pprezenta kopja legali ta' digriet mahrug mill-Qorti tal-Familja[9] fejn jindika car fuq rikjesta tal-appellanti martu li l-acces ghal minuri jsir nhar ta' Sibt bejn l-ghaxra ta' filghodu u s-saghtejn ta' wara nofsinhar. Jghid li dik kienet ir-rikejsta speifika li kienet ghamlet l-appellanti Jghid li COVID 19 qalghet hafna problem fosthom li kien ikellem lill-uliedu biz-zomm ghal siegha u bis-sessjoni tigi rekordjata minn bintu Esther Marie. Qal li kellu ghafsa ta' qalb kbira u darba minnhom kien anke tkellem mas-Supretendet Jeffrey Azzopardi dwar din il-problema u dan kien anke kellem lil martu l-appellanti. Huwa pprezenta ukoll notice li inahrget mill-Awtoritajiet tas-Sahha[10] fejn kien gie deciz li ma setghux jiltaqghu iktar minn zewg min nies flimkien f'post pubbliku. Dan ikkrejalu problema ghaliex l-avukat tal-appellanti xtaqet li meta jiltaqa' ma bintu minuri ikun hemm ukoll bintu l-ohra. Dawn ir-regulations kienu gew fis-sehh fil-31 ta' Marzu 2021 u ghalhekk nhar is-Sibt l-10 ta' April 2021 ried jara kif kien ser jirnexilu jara lil bintu minuri. Qal li lejliet u cioe nhar id-9 ta' April, 2021 kien ircieva email minghand l-appellanti ghal habta ta' 12.15 a.m fejn inghad is-segwenti:-

> *"Hello Pa, kif taf nhar is-Sibt int ghandek l-access. Il-ligi ghadha li tnejn min nies from different households jistghu johorgu barra fit-triq therefore I will be offering some options like last week as I want Mireille always by my side. One we stay in the car and we go for a car ride like we usually do because there is nowhere to go. Two we go to your office in Valletta. Three, we instead do a zoom meeting bhal ma ghamilna kemm il-darba. Four, me and you go*

[9] Dok IG fol. 15 tal-atti
[10] Dok IG 2 a fol. 26 tal-atti

*for a short walk and Mireille stays in the car. I am able to do this as I am now 14 years old and I am not telling you not to go out at all I am simply offering a few options on how we can adapt in the current situation."* (vide dok IG1 fol. 23 ta' l-atti)

Huwa wiegeb bis-segwenti: -

*"Good morning my dear Esther as you are well aware the restrictions are very cleat in specifying that not more than two persons from different households can meet in public hence tomorrow, I will call at 10.00 a.m to pick you up so that we can spend the prescribed time of four hours as per court decree. One restriction are lifted I have no problem that Mireille joins us. I look forward* to going and seeing a movie *together and sit down at a table and have a chat together. "*(vide dok a fol. 24 tal-atti)

Huwa ghalhekk nhar l-10 ta' April 2021 mar biex jigborha hdejn ir-residenza matrimonjali tieghu **69, Triq La Crux, Zabbar** u sab liz-zewg uliedu bilqeda fuq il-parapet. Huwa nizel mill-karozza u bi-kelma t-tajba ipprova jispjegalhom li l-ligijiet tas-Sanita ma jghamilhomx hu u li kien hemm ir-restrizzjonijiet. Dakinhar bintu l-ohra kellha 21 sena u ghalhekk hass li kienet qed tigi mposta fuqu li biex imur ma bintu l-minoreni irid jiehu lil kbira ukoll. Jghid li minkejja li spjegalhom il-ligi ma kienx hemm ezitu. Mistoqsi jekk il-mara qaltlux xi haga jghid li iva qaltlu permezz ta' SMS li t-tfal kienu t-tnejn barra fuq il-parapett jistennewh. Huwa infurmaha li una volta jitnehhew

ir-restrizzjonijiet ma kienx ser ikun problema li johodhom it-tnejn pero sakemm ikun hem mir-restrizzjonijiet xtaq jesercita d-dritt tal-access tieghu ma bintu l-minorenni wahedha skond il-ligi.  Ghalhekk huwa insista li johodha wahdu u wara saghtejn mar jghamel rapport l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar.  Jghid li l-appellanti fl-ebda hin ma baghtet lit-tifla minuri mieghu.

Rat id-digriet esebit fl-atti u minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-Qorti tal-Familja ordnat li jkun hemm access tal-ahwa Mireille u Esther Grixti ghal *parte civile* missierhom kul nhar ta' Sibt bejn l-10.00 a.m u is-2.00 p.m u li dan isir mhux fil-presenza ta' mara jew *partner* barranija.

Rat ix-xhieda moghtija minn **PC 2292 R Formosa** permezz ta' affidavit (dok SM fol. 29 tal-atti) fejn spjegt li nhar l-10 ta' April 2021 ghal habta ta' 16.05 p.m waqt li kienet xoghl l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar Ivan Grixti mar jirraporta li martu l-akkuzata naqset milli ittik l-access ghal binthom minuri Mireille Grixti. Tghid li l-kwerelant ipprezenta digriet mahrug mill-Qorti tal-Familja fejn kien hemm ordnat li l-mara kellha tipprovdi access lilu ta' uliedhom minuri kul nhar ta' Sibt bejn l-10:00a.m u s-2.00 p.m pero qal li dak iz-zmien. Mireille ma kienitx ghadha minuri dakinhar. Ivan spjegalha li dakinhar kien mar quddiem ir-residenza tal-akkuzata ghall-habta ta' l- 9.58 a.m sabiex jigbor lil Esther u sab lill-ohtha Mireille tistenna barra maghha. Qallha li minhabba l-mizuri tal-COVID ma setghux ikunu iktar minn zewg persuni minn *households* differenti izda Esther baqghet tinsisti li ma tridx tmur mieghu minghajr ma tmur ohtha maghha. Qal li l-akkuzata fl-ebda hin ma kienet barra hdejhom u fl-ebda hin ma intervjeniet sabiex tghid lil Esther biex tmur mieghu. Qal li ghamel ghaxar minuti jistenna fil-karozza u

rega staqsa li Esther jekk kienitx sejra mieghu fejn din qaltlu li le u ghalhekk telaq minn fuq il-post.

Tghid li ghamlet kuntatt mal-appellanti biex tkellimha u l-ghada 11 ta' April 2021 l-appellanti flimkien ma uliedha Esther u Mireille irraportaw l-ghassa. Hija infurmat lill-appellanti bid-dritt taghha li tkellem avukat fejn min naha taghha irrinunzjat ghal tali dritt tant I iffirmat dikjarazzjoi f'dan is-sens. Spjegat li z-zewgt ibniet kienu lesti jistennew lill-appellant fuq il-parapett izda meta mar ghalihom ma hadhomx mieghu. Ikkonfermat li kienet baghtet tghidlu li t-tfal kienu se ikunu lesti it-tnejn jistennewh barra fuq il-parapett. It-tfal kkonfermaw dak li qalet l-omm izda ziedu ighidu li riedu imorru i-tnejn flimkien u li pprovaw jilhqu kompromess mieghu izda ssupervja. Esther qaltilha li kienet tatu erba' *options* izda hu insista li ried johrogha minghajr ohtha Mireille.

Rat l-okkorenza esebit fl-atti a fol 29 markat bhala Dok JM1.

Rat ix-xhieda ta' **Carmen Grixti** moghtija nhar l-4 ta' Novembru 2021 u kkonfermat li nhar l-10 ta' April 2021 kien hem restirzzjonijeit mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha ta' kemm setghu jiltaqghu neis flimkien fil-pubbliku. Tghid li dik il-gimgha kient qalet lill-uliedha beix jirrangaw ma missierhom ta' kif kien ser isir l-access stante ir-restrizzjoni ta' zewg persuni minn zewg *households* differenti. Taf li l-bniet taghha baghtu emails lil missierhom fejn anke tawh erba' options ta' kif setgha ssir l-access. Dak iz-zmien il-kbira kellha ghoxrin sena waqt li z-zghira kellha erbatax-il sena. Tghid li z-zghira ma riditx tmur wahdeha ma missierha tkun trid lill-ohtha tmur maghha u

kienu ilhom imorru flimkien ghal erba' snin shah. Dakinhar tal-10 ta' April 2021 hija kienet id-dar u qalet lill-uliedha biex ikunu *on time* jistennew lil missierhom. Taf li wara certu hin it-tfal regghu dahlu gewwa u staqsiethom fejn kien missierhom u qalulha li kien telaq 'l hemm. Mistoqsi jekk ikkomunikatx meighu wara li kien telaq 'l hemm tghid li le. Tghid li fil-fatt zewgha kien ghamel tlett rapport fuq nuqqas ta access f'dan l-istess perijodu ta' April 2021. Ikkonfermat li ma hemm l-ebda digriet li ighid li l-access tal-missier irid ikun taz-zewgt itfal flimkien. Pero tinsisti li Esther ma tkunx trid tmur wahedha.

Rat l-iskambju ta' messaggi bejn l-appellanti u zewghha l-*parte civile* esebit fl-atti a fol 56 markati bhala dok CG, l-iskambju ta' email esebiti a fl 61 et seq markati bhala dok CG1, ic-certifikat mediku rilaxjat nhar il-25 ta' Marzu, 2021 markat bhala dok CG3 a fol. 66 u 67, emails skambjati bejn l-*parte civle* u l-appellanti mmarkati bhala Dok CG4 a fol. 68 tal-atti.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Mireille Grixti** nhar l-4 ta' Novembru, 2021 a fol. 73 et seq. Ikkonfermat li dakinhar tax-xhieda taghha hija kellha 21 sena u mistqosija jekk riditx tixhed fil-konfront ta' ommha l-appellanti qalet li xtaqet taghti l-opinjoni taghha billi tixhed.Tghid li dak iz-zmien tal-10 ta' April 2021 kien hem mir-restrizzjnijeit mahruga mid-dipartiment tas-Sahha li zewg persuni biss jistghu jkunu ta' zewg households differenti. Tghid li ohtha kient thossha iktar komda jekk hija tmur maghha waqt l-access u missierha qatt ma kien oggezzjona ghal dan salv dakinhar tal-10 ta' April 2021 ghax kien hemm ir-restrizzjonijiet. Tghid li ohtha kienet baghtet email lil missierhom biex ittih options ta' kif setghu jiltqaghu. Izda huwa insista li johrog maghha biss minhabba ir-restrizzjonijeit tal-COVID. Qalet li li kemm hi kif ukoll ohtha

u ommha baghtulu emails dwar din il-materja. Tghid li minkejja din l-email huma kienu preparati jiltaqghu mieghu tant li anke hargu barra jistennewh u missierha mar u ried I jiehu biss lil Esther u Esther wegbitu li wahedha ma tridx tmur. Qalilhom li kien ser jsitenna hames jew ghaxar minuti sabeix Esther tmur mieghu izda huma hasbu li kien ser jbiddel fehmtu. Dar fuqhom u qalilhom ghal darb ohra jekk Esther kientix ser tmur u meta qaltlu le qabad u telaq 'l hemm. Mistoqsija ghaliex hasset li kellha tisfida id-digriet tal-Qorti u tohrog ma ohthha tghid li id-digriet tal-qrti kien fuq ommha u u mhux fuqhom. Qalet dskors m aommha fuq din il-materja ma kienx hemm u ridet tmur ma ohtha ghax hekk xtaqet ohtha. Hija haditha for granted li la ridet hekk ohtha dwar l-access hija kellha tmur maghha.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Johann Vella** moghtija nhar l-4 ta' Lulju, 2022 u kkonferma li jahdem bhal atatbib tal-familja. Mistoqsi jekk jafx lil Esther jghid li jafha ghaliex kient tbati minn ansjeta, kellha problem biex torqod, ugiegh taz-zaqq, dardir u dan kien jigrilha nhar ta Gimgha lejleit l-jum lijkollha access ma missierha. Qal li kien ajrha akkompanjata ma ommha meta kien ghad kellha tnax-il sena. Qal li Esther kienet thossha incerta u ma tafx fejn ser tkun sejra ma missierha.  Kien ikun ghalhekk li ridet li ohtha Mireille tmur maghha. Huwa pprezenta zewg certifiakti medici li gew markati bhala dok JV u JV1. Jghid li medicinali ma ippreskrivix u lil missier Esther ma kelmux.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Joan Camilleri**, clinical psycologist u psychotherapist moghtija nhar l-4 ta' Lulju 2022 u kkonfermat li kienet ilha tarha minn Dicembru 2021u qalet li it-tifla kienet tghidilha li ma tiehux pjacir tohrog ma missierha is-Sibt filghodu ghaliex

tkun trid tistudja biex filghaxija tkun tista' tohrog ma shabha. Qaltilha li xtaqet li ma tkunx marbuta ta' kul nhar ta' Sibt. Ir-rabta kienet iddejjaqha.

Rat ix-xhieda ta' **Esther Marie Grixti** moghtia nhar is-6 ta' Jannar 2023 u dan wara li kienet inghatat ghazla mill-qorti jekk riditx tixhed fil-konfront ta' ommha li kienet akkuzata. Ikkonfermat li kienet tiltaqa' ma missierha kul nhar ta Sibt ghal erba' sieghat skond id-digriet mahrug mill-Qorti. Tghid li ma riditx tmur ma' missierha wahedha minn dak li kienet rat li jsir id-dar u kienet tkun trid lill-ohtha maghha ghax thossha ahjar. Qalet li fl-10 ta' April 2021 kien jum tal-access u kienu dhalu ir-restrizzjonijiet tas-Sahha minhabba il-COVID u ghalhekk kient baghtet email lil missierha biex tissuggerixxi kif setgha isir l-access biex ohtha tkun prezenti. Tghid li missierha dakinahr mar ghaliha u ma riedx li Mireille tmur maghhom. Qaghad fil-karozza jistenna xi ghaxar minuti biex hija tmur mieghu izda ma riditx u telaq 'l hemm. Tghid li ommha qatt ma indahlet u kient thalli l-kwistjoni f'idejha kif trid hi. Tghid li ommha dejjem baghtitha qatt ma waqfitha. Qalet li taf li kien hemm xi Sibt partikolari fejn l-access kien gie imwaqqaf minhabba l-COVID u wara rega beda.  Wara li dahlu lura gewwa d-dar taf li missierha cempel lill-ommha u semghet lill-ommha tghidlu li irid jirranga direttament maghhom. Taf li l-ghassa cemplu lill-ommha u spiccaw anke imorru l-ghassa jispjegaw dak li kien gara. Qalet li kienet taf li l-offerta li kienet ghamlet lil missierha kienet tmur tmur kontra l-ispirtu tar-regolarment mahrug mid-dipartiment tas-Sanita. Ikkonfermat in kontro esami li dakinhar meta hargu fuq il-parapett ommha setghet tkun taf x'inhu ghaddej ghax ghandhom il-cameras. Hija giet mitluba tipprezenta id-dokumenti li ghamlet referenza ghalihom fix-xhieda taghha. Dok EG emails mibghuta minnha lil missierha dwar l-access datati 9 u 16 ta' April 2021,

digriet mahrug mill-Qorti tal-Familja datat 22 ta' April 2021 u iehor datta 23 ta' Marzu 2023.

**Ikkunsidrat.**

Il-fatti specie tal-kaz huma li hemm digriet mahrug mill-Qorti tal-Familja fejn l-omm, l-appellanti odjerna trid tghati access taz-zewg ulied minuri lil zewgha il-parte civile kull nhar ta' Sibt ghal erba sieghat u cioe mill-10.00 a.m sas-2.00 p.m. Illi pero fil-jum tal-okkorenza kien hemm biss wild wiehed li ghadha minuri u cioe Esther ta' erbatax-il sena ghaliex Mireille kellha ghoxrin sena. Ghalhekk dan id-digriet datat 31 ta' Ottubru 2017 kien japplika biss fir rigward tal-minuri Esther. Illi nhar l-10 ta' April 2021 l-parte civile kien mar jigbor lil bintu Esther mid-dar residenzjali taghha pero gara li kienet qed tistennih barra fil-parapett ma ohthha Mireille. Dak iz-zmien kien hemm in vigore ir-regolamenti mahruga mid-dipartiment tas-Sahha fejn ma setghax ikun hemm iktar minn zewg minn nies minn zewg households' fil-pubbliku flimkien u ghalhekk il-parte civile ma ridx li bintu Mireille tohrog mieghu u ma' Esther biex ma jiksirx il-ligi. Cio nonnostante t-tifla Esther ma marritx mieghu u ghalhekk spicca jghamel rapport l-ghassa tal-pulizija ta' Haz- Zabbar. It tifla Esther tghid li kient mgharfa bir-regolament dwar il COVID izda xorta insistiet li ohtha Mireille kellha tmur maghhom. Jinghad li l-omm kellha l-kura u kustodja tat-tfal u li kienu jghixu maghha Haz Zabbar. Ma jirrizultax li l-omm fil-fatt ghamlet xi haga sabiex taccerta li l-access jigi ezercitat ghalkemm ma hemm l-ebda prova lanqas li hija b'xi mod ostakolat l-access hija stess. Pero la t-tifla kien għadha ma għalqitx it-tmintax-il sena, id-digriet tal-Qorti kien għadu jorbot il-partijiet la ma sarx ftehim ieħor.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara n-nuqqas ta' l-omm appellanti li tinsisti li bintha Esther ghandha tmur ma' misseriha wahedha biex jkun jista' jezercita l-access jmurx kontra id-disposizzjoni tal-artikolu 338 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex dan l-artikolu tal-ligi jipprovdi li huwa hati ta' din il-kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min meta ordnat mill-Qorti jew kif marbut b'kuntratt biex jaghti access lil wild taht il-kustodja tieghu jirrifjuta li jaghmel hekk **minghajr raguni xierqa[11].** Mhux kull raġuni hija waħda xierqa. Għalhekk il-Qorti trid teżamina għaliex l-aċċess ma seħħx fil-jum imsemmi tal-10 ta' April 2021. Id-dmir li jsir l-aċċess huwa wieħed serju ħafna kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra kif jidher fil-footnote[12]. Hemm ukoll pajjizi li jikkontemplaw termini ta' priġunerija minħabba li tkun inkisret ordni ta' aċċess li tkun ngħatat mill-istess Qorti li tkun qed tisma' l-kawża ċivili. Tant li l-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ikopri wkoll il-possibilita' ta' arrest jew detenzjoni: '*for non-compliance with the lawful order of a court or in order to secure the fulfilment of any obligation prescribed by law*[13].' Għalhekk kull min hu marbut li jagħti l-aċċess lill-parti l-oħra, irid isegwi l-ordni tal-Qorti skrupolożament.

Dwar id-dritt tal-aċċess il-Qorti tal-Appell Kriminali' fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Isabelle Cilia** deciza nhar is-17 ta' Frar 2005, intqal hekk:

---

[11] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti
[12] If a court finds a person has breached a parenting order, without reasonable excuse, it may impose a penalty. Depending on the particulars of the case and the type of contravention, a court may, amongst • compensate for time lost with a child as a result of the contravention • require the person to participate in community service • order that a fine be paid, • order imprisonment. http://www.familylawcourts.gov.au/wps/wcm/connect/FLC/Home/Court+Orders/Complying+with+orders+about+children/other measures:
[13] Ara dwar dan Jacobs, White and Ovey 'The European Convention on Human Rights' page 227 fejn jingħad hekk: 'The first limb authorizes detention for non-compliance with the lawful order of a court. This could mean arrest to secure attendance in court following a failure to comply with a summons, or imprisonment for failure to pay a fine, or to comply with an injunction or a child custody or maintenance order.

*'Il-paragrafu 338(ll) tal-Kap 9 jimporta element ta' 'positive obligation' da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem ieħor, ma hux biżżejjed li ma jfixkilx l-aċċess tal-parti l-oħra iżda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li*

*jkollha l-kura u l-kustodja 'tagħti aċċess.'*

Kif intqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-16 ta Frar, 2005 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Raymond Stivala**:

*"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-access ghall-ulied minuri, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, dment li ma jippruvax al menu sal-grad tal-probabbli li ghandu raguni xierqa biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma' taqax taht il-kompetenza taghha.*

**Ikkunsidrat ulterjoment**

Jirrizulta kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti li l-omm li kellha l-obbligu li tipprovdi l-access skond id-digriet tal-Qorti tal-Familja lill-parte civile kienet qed thalli tali materja tant important f'idejn bintha minuri Esther biex tkun hi li tirranga ma' missierha l-parte civile, meta kienet taf ben tajjeb li ma kien hemm l-ebda obbligu fuq Mireille li ghandha takkompanja lil ohtha Esther waqt dan l-access. Illi ma jirrizultax li l-appellanti hadet xi passi quddiem il-Qorti biex tvarja id-digriet mahrug mill-Qorti tal-Familja minkejja

li allegat li dan l-access kien detrimentali ghas-sahha tal-minuri. Imkien ma jirrizulta li kien hemm xi tibdil fid-digriet tal-Qorti salv li gie sospiz ghal gimgha wahda partikolari minhabba ir-restrizzjonijiet tal-COVID. Illi bi dispjacir kbir tara din il-Qorti li anke l-minuri Esther kienet konxja tal-fatt kif del resto kellha tkun anke l-appellanti li l-modalita ta' kif riedet tezercita l-access ma' missierha kien kontra l-ispirtu tad-digriet tal-Qorti u kontra r-regolament tad-dipartiment tas-Sahha u dan ghaliex f'dak iz-zmien tal-10 ta' April 2021 l-missier ma setghax ikun fil-kumpanija ta' zewg persuni minn *household* differenti. Jirrizulta anzi lil-appellanti kkomunikat mal-parte civile u qatlu biex ma jkunx difficli anke f'dwk ic-cirkostanzi ta' dawn ir-restrizzjonijiet u cioe inkoraggietu jikser il-ligi. Illi ma jirrizultax li l-omm f'xi zmien ghamlet xi tentattiv sabiex tinkoragixxi lil bintha Esther tmur ma' misserieha wahedha ghal dik l-okkazjoni minhabba ic-cirkostanzi vigenti ta' dak iz-zmien. Ma kinitx kwistjoni li l-missier ma ridtx lit-tifla l-ohra u cioe lil Mireille ghaliex kif stqarret hi stess kienu ilhom erba' snin jezercitaw l-access flimkien minkejja li f'sentejn minnhom ma kienitx ghadha minorenni izda dakinhar tal-10 ta' April 2021 ma kienx possibli johorgu t-tlieta li huma u Mireille li kienet studenta tal-Medicina messha fehmet ahjar l-import ta' tali restrizzjoni. Din il-Qorti bhal ewwel Qorti ma hiex tal-fehma li kien hemm raguni valida ghaliex il-missier ma setghax jesercita id-dritt tieghu tal-access u dan in-nuqqas sehh proprju ghaliex l-omm li kellha l-obbligu li tipprovdi l-access ghaddiet tali obbligu fuq bintha minuri sabiex taghmel dak li tixtieq hi. Dan ma setax isir. Din il-Qorti rat ukoll li l-kundizzjoni imposta mill-ewwel Qorti u cioe l-imposizzjoni tal-artikolu 22 tal Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijodu ta' tlett xhur hija idoneja fic-cirkostanzi tal-kaz.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar is-7 ta' Frar 2024 in toto.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**